# DENI LI SAFA' ĠID

Is-sur Viċenz kien wiret ftit raba' ġmielu u billi fi żmien missieru kien jieħu ħsieb jiġbor il-qbiela' kien jaf lill-bdiewa sewwa u mita sab ruħu b'rajh f'idejh raħħas ir-raba, u ħaseb li ma' xi nies sewwa jmur magħhom bin-nofs. Għalhekk kulħadd kien ifaħħru u fl-istess ħin kien jibża' minnu għax min kien jaħsel imerih jew ma jmurx sewwa miegħu, ħin bla waqt kien ifur, jisber, u jitlef għaqlu f'daqqa, ikun fejn ikun. Ma' Beneditt tal-Qattara kien jaqbel m'hux ftit għax dħuli, nadif dejjem, daru xummiema u dejjem qabel kulħadd lejliet Santa Marija bil-qbiela f'idu.

—"Beditt," qallu darba, "int minn dejjem għoġobtni u " għalhekk ħsibt u rajt li fil-ġonta raba' li għandek mil-lum " il-quddiem immorru nofs u nofs; hekk inti taqla' kemm " ħaqqek għax ħaddiem u r-raba' tiegħi jrodd aktar ukoll."

—"Dak li trid int irrid jien, sur Baruni"—għax fir-raħal ir-sur Vinċenz kien igħaddi ta' Baruni—"Ħsara ma għandna " mkien u għandi l-kbir tiegħi jaf xi ħaġa bil-pinna u hekk " inkun nista' nħożżlok dak li jidħol u dak li joħroġ ma' tulek " ja sena."

—"Raġel int Beditt, itfa' dawk il-ħamsa l-hawn u Alla jagħmel ir-risq."

—"Ir-risq u l-barka magħna dejjem sur Baruni" qal Beditt, "x'ferħa se' ntiha lis-sieħba mita mmur id-dar, għax hi daqsi " tħobbu r-raba' u mita tkun xriek taħdem b'ħeġġa oħra."

U l-biċċa seħħet u kollox mar sewwa għal-żmien u il-l-egħlejjel kotru u l-bejgħa ħxienet u Beditt intrafa' u l-Baruni żied f'mielu.

Ix-xitan ma ħamilx lil dawn l-ixirka sejrin hekk annuna u qalb waħda u ħaseb li jdeffes denbu bejniethom.

Doru ta' Baldu, li kellu f'ideh raba' tal-baruni wkoll, ġietu għejra mita sama' li lil Beditt tawh ir-raba' bin-nofs

u xtaq li jidħol fis-sehem hu wkoll. Għalhekk kull ħlas tal-qbiela kien jara kif iġib il-kliem fuq Beditt u r-raba' tiegħu: " Jaħdem ir-raġel, sur baruni, jien naf kemm italla' xogħol u " jew bis-sewwa jew ta' bil-ħani dejjem minn fuq—sab min " igħinu wkoll, għandu wieħed igħid, iżda t-taħmil żejjed ma " għandux ikun; tafdax biex ma tħallilx, kien igħid il-barba. " —Smajtx, Beditt fommu sieket u kollox bil-moħbi li jagħmel, " għandu kamra wara l-għorfa qatt ma rajtha miftuħa; kull mita " nara dak il-bieb imsakkar dejjem ingħid bejni u bejn ruħi : " xi ħaġa mgħawwġa għandu Beditt f'dik il-moħba."

Hekk bejn tbissima u nofs karba' l-ilsien ħażin ta' Doru kien dejjem sejjer.

Is-sur Viċenz qatt ma mela rasu bdak li kien jisma' fuq Beditt, imma Doru kien jaf li l-għawi ħu l-ġenn.

Għal nofs Ġunju l-baruni, sena waħda, rama l-ponija fil-karrettun tal-molol u mar igħaddi ġurnata għand ix-xriek. Sabu jsettaħ il-qamħ mal-mara u ġiè milqugħ kif kien jixraqlu. Malajr Zolli qatlet ħasi, ġabret bixkilla frott mill-ġardina u ħejjiet il-kamra l-kbira fejn kellu jistrieħ il-baruni wara l-ikel, u kulħadd feraħ bih, mill-ħaddiema sat-tfal; Żimina, kelba tal-kaċċa, bdiet issul miegħu u l-qattusa bebbuxija marret tin-ħakk ma' riġlejh malli ntasab bil-qegħda.

Wara li Beditt dawru mal-post kollu poġġew it-tnejn taħt siġra tat-tin daqsiex sa ma Zolli sejħitilhom għal fuq il-mejda. Qatra nbid minn dak li jagħqad fuq id-difrejn ma naqsitx u l-baruni ma baqax lura, għax fl-inbid kien igħaddi bis-sħiħ.

Wara l-ikel, il-baruni daħal jistrieħ fil-għorfa. Qabel ma għajnu marret bih lemaħ f'ġenb bieb magħluq, dak il-bieb li darba semmielu Doru, il-bieb tal-kamra fejn Beditt kellu il-moħba. Moħħu mar minnufih fil-kliem imsemmem li kien żara' għal bil-ħani dak il-misħut. "Min jaf Beditt hux tabil-" ħaqq miexi sewwa miegħi? beda jberren f'rasu is-sur Viċenz, " dawn il-bdiewa ma tridx tafdahom aktar milli jmissek; tas-" sew li l-ħell u ż-żena ma jdumx fil-ħabi sena, imma min

" ikun max-xriek ma' tul is-sena? U dak il-bieb għala dejjem " imsakkar, nistaqsih jekk naf li xnaf."

Sejjaħ lil Beditt minnufih u malli ffaċċa fil-bieb qallu: "Għidli ħaġa dak il-bieb għal-liema kamra jati?"

—"Hemm ma hemmx kamra, sur baruni, żmien ilu, mis-" sierek, Alla jaħfirlu, kien egħnelli jtalla' kamra oħra fuq " il-ġardina u qbadna nħottu l-ħajt ta' wara l-għorfa, imma " il-ħsieba ma seħħitx, jien għalaqt il-fetħa li saret fil-ħajt " bdik il-bieba biex ma jiġġarrafx xi tifel.

—Sewwa għamilt Beditt: dak kull ma ridt naf, mur għal xogħlok, ħa nieħu għamża.

—Jista' jkun, qal is-sur Viċenz mita l-ieħor ħareġ, jista' jkun ukoll li qalli hekk biex jeħles minni, ħalli nara b'għajnejja. Qam daqsxejn imfantas u resaq lejn il-bieba, iżda u la sab muftieħ l-anqas maqbad, iżda ma riedx jarġa' jsejjaħ lill-bidwi biex ibexxaqlu ftit il-bieba. Qabad jitħamħam u mbotta bil-herra il-bieba u heżheż il panew; waqa' ftit ċaċċis u tfarfret qabda ġir. Demmu tala' għal rasu, u bejn it-twissija ta' Doru, bejn is-sħana ta' Ġunju, u l-inbid ta' maskri, tfawwar bħal ma kien jiġrilu ta' sikwit u ra il-kamra ddur bih. Tbiegħed ftit mill-bieba u b'daqqa ta' spalla ta' raġel godli li kien, xteħet b'saħtu kollha fuqha . . .

Xogħol ta' ħabta u sabta; il-bieba, ruħ ommha fi sniena, niexfa u mmermra bix-xemx li rat fuqha għal bosta snin, saret laqx u s-sur Viċenz inqata' minn riġlejh u baqa' ħiereġ il-barra mal-laqx u mal-ġir, ixejjer idejh u jgħum fil-beraħ . . .

Qamet għagħa li ma bħalha, tiġieġ, papri, wiżż, jittajru u jqaqu, Zimina tinbaħ donnha rat il-waħx, it-tfal jixru u jwerżqu, il-ħmara tinħaq imwerwra. Beditt niżel bħal seqer biex jara x'ġara u b'għageb kbir jilmaħ lill-baruni mħawwel sa għonqu fil-għarma tiben tar-rqiq miġbura taħt it-tieqa. F'kemm ili ngħid wasal fuqu u għinu jinqala' miksi minn fuq s'isfel bit-tiben li weħel miegħu f'kull tinja ta' ħwejġu. Daħħlu ġewwa, farfru kif sata' u newwillu ftit ilma biex jaħsel wiċċu u idejh u mbagħad staqsieh kif sab ruħu f'dik it-tbixkila u jekk saritlux xi ħsara.

—Is-sur Viċenz kien ġie f'sessih u ma għamilx ħlief jidħak u jiżżuffjetta. "Xejn Beditt," qallu, "ridt nara x'għandu jsir " biex tinbena l-għorfa li semma' li ried italla' missieri ; ma " waġġajtx għax it-tiben artab daqs ir-rix. Għid lil Zolli " tagħmilli qatra kafè."

Wara din il-ġrajja li għaddiet bħal ħlieqa, Beditt sar ħaġa waħda mal-baruni. Il-għorfa ta' fuk il-ġardina nbniet qabel waslet ix-xitwa u l-baruni għammarha biex imur igħaddi il-ħarifa u biċċa mis-sajf għand ix-xriek tiegħu li maż-żmien sar xbinu għax għammidlu lil Ċensinu, għamillu l-griżma lil Majru u xhud tat-tieġ ta' Bronka, mita ħadet lil Ġanni, il-ġar tagħhom. Il-par imsielet u ċ-ċappetti li qalgħet il-għarusa minn għand il-baruni għadhom jissemmew sal-lum f'dak ir-raħal. Hekk id-deni li xtaq jiżra' Doru safa ġid lil Beditt u s-sur Viċenz ħareġ ta' raġel.

29-5-33 T. Z.